Kitba ta' P. Bonaventura Chetcuti OSA
*minn Catania*

# Il-Beatu Duns Scotus

## Id-Duttur ta' l-Immakulata

## Lejn il-150 Sena tad-Domma


*Pittura fil-lunetta ta' Duns Scotus*

Il-filosofi u t-teoloġi Kattoliċi jafu x'figura ġganteska huwa l-Franġiskan tas-seklu sittax, **il-Beatu Ġwann Duns Scotus**. Fil-kamp tat-teoloġija Marjana, huwa pilastru żonqri u mgħallem oriġinali, u kif huwa magħruf mill-istudjużi tal-qedem u tal-lum, huwa l-akbar difensur tat-tnissil bla ebda tiċpisa tad-dnub ta' Adam u Eva tal-Madonna, bl-argumenti li ħareġ bihom biex waqqa' lil dawk kollha li kienu kuntrarji tat-teżi tiegħu. Tajjeb wieħed jiftakar li l-akbar ġieħ ta' Duns Scotus m'huwiex il-fatt ta' kif sab argumenti ġodda biex wasal ħalli juri din il-verità, imma x'aktarx, u fuq kollox, il-fatt ta' kif irnexxielu jarmonizza b'mod tassew fin dawn iż-żewġ veritajiet: it-tnissil bla tebgħa tal-Madonna u l-ħelsien minnha bil-merti ta' Kristu.

L-opri ta' Duns Scotus stampati aktar minn darba, inħass il-bżonn, f'dawn l-aħħar snin, li jiġu mnaddfin mill-ħafna interpretazzjonijiet żbaljati tad-dixxipli tiegħu. Ma kienx possibbli tistudja l-awtur b'dawk l-edizzjonijiet. Kienet meħtieġa edizzjoni kritika serja, mibnija fuq il-manuskritti. U b'xorti tajba, hekk sar! Sa llum, l-opri ppubblikati huma tnax biss. Huwa maħsub li, sas-sena 2004, li fiha jitfakkar il-150 anniversarju tal-proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Immakulata, jiġi pubblikat il-volum XX, li jiġbor il-ktieb III tal-*Lectura*, s'issa mhux stampat, illi fih, Duns Scotus, għall-ewwel darba ddefenda l-privileġġ Marjan, u kiseb it-titlu meritat ta' ***Doctor Immaculatæ***.

B'din il-biċċa xogħol, iċ-ċelebri Franġiskan fetaħ it-triq twila u ferm iebsa li kellha twassal għar-rebħa sħiħa fuq dawk it-teoloġi kuntrarji għat-tagħlim li kien iħaddan huwa stess ma' studjużi oħra kbar, u dik ukoll twila ta' kważi 400 sena, li wasslet sa l-1854 meta, nhar it-8 ta' Diċembru, il-Papa Piju IX kien stqarr solennement Domma ta' Fidi, it-Tnissil bla Tebgħa ta' Omm Alla.

Duns Scotus twieled x'aktarx fl-1274, l-istess sena tal-mewt ta' San Tumas u San Bonaventura. Żagħżugħ, daħal mal-Franġiskani. Dlonk wera ħila kbira fl-istudji filosofiċi u teoloġiċi li wassluh għas-saċerdozju. Ta' inqas minn 20 sena, kien diġà jgawdi t-titlu ta' *doctor divinitatis*. Dik il-ħabta, l-universitajiet, l-akkademji u l-fakultajiet kienu jgħoddu rjus gwappi fit-teoloġija. Fost kwistjonijiet oħra ta' importanza, kienet taħraq nar dik dwar it-tagħlim fuq it-tnissil ta' Marija. L-iskolastiċi ma setgħux jaqblu bejniethom. Il-qiegħa saħnet tant li saħansitra Ruma ordnat li tinżamm seduta fl-Università ta' Sorbona, f'Pariġi, biex it-teoloġi setgħu jsibu tarf kif iħollu kobba hekk imħabbla. Il-famuża seduta kellha ssir bejn għeluq is-sena 1407 u l-bidu ta' l-1408.



***Duns Scotus f'wieħed mill-inkwadri laterali tal-Kor.***

Il-Franġiskan kellu jkun wieħed mill-ħafna mustaċċuni li kellhom jieħdu sehem. Minn Oxford fejn kien, mar għalhekk, Pariġi. Mar ippreparat sa snienu. Jingħad li qabel daħal fis-sala fejn kellha ssir id-diskussjoni waqaf quddiem xbiha tal-Madonna, u talabha tgħinu biex ifaħħarha u toħorġu rebbieħ fuq sħabu kuntrarji għall-opinjoni tiegħu favur tagħha. Ix-xbiha dehret tbaxxi rasha b'sinjal ta' *iva*, u hekk baqgħet dejjem f'dik il-pożizzjoni.

U, daħal għat-taqbida. Aktar minn 200 teologu kienu kontra l-opinjoni favur it-tnissil bla ħtija tal-Madonna. Duns Scotus sema' l-argumenti tagħhom bl-akbar attenzjoni. Kisser u għamel trab l-argumenti li ħarġu bihom, u rebaħhom ilkoll b'dak l-argument li baqa' ċelebri sal-lum, li ħareġ bih: "**potuit, decuit, fecit**," jiġifieri: "Alla waħdu awtur ta' l-impossibbli **seta'** jagħmel illi l-futura Omm Ibnu tkun meħlusa mid-dnub tan-nisel; kien **xieraq** li hekk tassew isir, u **hekk sar**!"

Naturalment mhux possibbli f'daqsxejn ta' artiklu tiżviluppa mqar fil-qosor it-tagħlim tal-Beatu Duns Scotus, imfakkar u miżmum mill-iskola Franġiskana u mill-iskejjel Agostinjani, Tomisti u Ġiżwiti. Infakkru hawn biss illi t-tagħlim sod tal-kbir teologu, iben spiritwali ta' San Franġisk, wassal biex, dalwaqt 150 sena ilu, proprju fit-8 ta' Diċembru, il-Beatu Papa Piju IX, bl-enċiklika magħrufa tiegħu *Ineffabilis Deus* seta' jgħarraf lill-globu Kattoliku li t-tagħlim dwar it-tnissil tal-Madonna huwa wieħed mid-dommi ta' twemmin tar-Reliġjon Kattolika.

Hekk, wara snin twal u iebsa ta' diskussjonijiet kbar, Ruma, bl-ilsien infallibbli tal-Kap Suprem tagħha, qatgħet darba għal dejjem il-magħrufa kawża. "**Roma locuta, causa finita**," kien itenni, kieku kien għadu ħaj fis-sena 1854, Santu Wistin.